



---

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

---

**2017/0290(COD)**

17.5.2018

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE dwar it-twaqqif ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-merkanzija bejn l-Istati Membri (COM(2017)0648 – C8-0391/2017 – 2017/0290(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Michel Dantin

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fil-White Paper tagħha tal-2011 "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċċenti", l-Unjoni impenjat ruħha favur l-objettiv li 30 % tat-trasport tal-merkanzija bit-triq jiġi ttrasferit għal mezzi oħra ta' trasport bħat-trasport ferrovjarju jew dak marittimu sal-2030, u aktar minn 50 % sal-2050.

Id-Direttiva 1992/106/KEE hija l-uniku strument legali Ewropew li jipprovd qafas għal bidla modali u, 25 sena mid-dħul fis-seħħ tagħha, din għadha rilevanti daqs qatt qabel. Kull sena, fl-Unjoni, it-tnejġi tal-arja jwassal għal 400 000 mewt prematura, l-inċidenti tat-traffiku jikkawżaw il-mewt ta' 26 000 persuna filwaqt li huwa stmat li l-kost tal-konġestjoni jammonta għal 1,1 % tal-PDG Ewropew. It-trasport ikkombinat huwa waħda mill-għodod għall-indirizzar tal-impatti negattivi tat-trasport.

Madankollu, fid-dawl kemm tal-iżvilupp tas-settur tat-trasport, it-tixrid ta' teknoloġiji ġodda, u l-iskadenza u n-nuqqas ta' ċarezza ta' ċerti dispożizzjonijiet tat-test, kif ukoll tan-nuqqasijiet fl-implementazzjoni fl-Istati Membri, ikun tajjeb li din id-Direttiva tīgħi riveduta, sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal shiħi tat-trasport ikkombinat fl-Ewropa.

B'mod ġenerali, ir-Rapporteur jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tindirizza diversi nuqqasijiet attwali, billi tiċċara t-test u tneħħi ċerti ostakli għall-bidla modali. B'mod partikolari, ir-Rapporteur jappoġġa r-reviżjoni tad-definizzjoni ta' trasport ikkombinat, l-inklużjoni tal-operazzjonijiet nazzjonali, l-użu ta' dokumenti elettroniċi mill-operaturi, iż-żieda fil-miżuri ta' appoġġ, it-tiġiha tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-investimenti fl-infrastruttura, kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni dwar attivitajiet ta' bidla modali.

Ir-Rapporteur jiproponi li t-test jissaħħa fir-rigward ta' bosta elementi ewlenin.

### Kjarifikasi legali

Ir-Rapporteur jissuġġerixxi numru ta' kjarifikasi sabiex jiġu evitati interpretazzjonijiet diverġenti. Dawn jirrigwardaw b'mod partikolari r-regoli dwar il-kabotagħ fit-trasport ikkombinat fil-livell nazzjonali u l-kriterji għal deroga mir-regola ta' 150 km.

### Razzjonalizzazzjoni tal-investimenti fl-infrastruttura

Ir-rapporteur huwa tal-fehma li l-investiment fl-infrastruttura tat-trasport ikkombinat għandu jipprioritizza t-terminals tat-trażbord, b'enfasi biex l-infrastruttura eżistenti tīgħi estiżha u ssir aktar effiċċenti. B'rabta mal-ħolqien ta' terminals ġodda, ir-Rapporteur jemmen li għandha ssir valutazzjoni tal-impatt minn qabel biex tīgħi żgurata r-rilevanza ekonomika u ambientali ta' dawn l-investimenti, filwaqt li jitqiesu l-limiti ġeografiċi u naturali tat-territorju inkwistjoni.

### Titjib fil-loġistika

Il-kost tal-operazzjonijiet tat-trażbord u ż-żmien li jieħdu huma fattur ewljeni ta' nuqqas ta' kompetittività tat-trasport ikkombinat vis-à-vis dak unimodali. Skont ir-Rapporteur, it-titjib tal-loġistika permezz ta' soluzzjonijiet digżitali, teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, sistemi konnessi ta' trasport kif ukoll tħarriġ aħjar tal-ħaddiema, se jagħti lok

biex it-trasport ikkombinat ikun aktar attraenti.

### Promozzjoni tal-enerġija u teknoloġiji nodfa

Minkejja li wieħed mill-ġħanijiet princiċiali tad-Direttiva huwa t-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja, it-test attwali ma jipprevedi l-ebda miżura biex jitħeġġeġ l-użu ta' vetturi u infrastrutturi effiċċienti fl-enerġija, enerġija minn sorsi rinnovabbli, jew teknoloġiji innovattivi u soluzzjonijiet diġitali. Ir-Rapporteur għamel ġħadd ta' proposti f'dan ir-rigward, filwaqt li spċċifika b'mod partikolari l-ambitu tal-miżuri ta' appoġġ possibbli.

### Titjib fil-miżuri ta' appoġġ għall-operaturi

Ir-Rapporteur jixtieq li jkun obbligatorju li kull Stat Membru, sal-31 ta' Diċembru 2021 jadotta mill-inqas miżura ta' appoġġ addizzjonal waħda, b'mod partikolari bil-ħsieb li jitnaqqas l-impatt tat-trasport tal-merkanzija fuq l-ambjent u fuq is-saħħha pubblika.

Ir-Rapporteur jipproponi wkoll li l-miżuri ta' appoġġ ikunu mmirati aħjar. L-Istati Membri għandhom jipprioritizzaw l-investiment fit-terminals ta' trażbord biex inaqqsu l-effetti ta' lembut u ż-żoni ta' konġestjoni, b'mod partikolari viċin iż-żoni urbani u suburban, biex jagħmlu l-qsim ta' ostakli naturali bħaż-żoni muntanjużi aktar faċli, biex itejbu l-konnessjonijiet transfruntiera, biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi dannużi fl-arja u biex itejbu l-aċċess lejn u miż-żoni industrijali li huma neqsin minn tali infrastruttura.

### Statistika u objettiv Ewropej ta' bidla modali

L-Unjoni impenjat ruħha favur l-objettiv ta' bidla modali ta' 30 % tat-trasport tal-merkanzija sal-2030 u ta' 50 % sal-2050. Madankollu, il-monitoraġġ tal-iżvilupp tas-sehem tat-trasport ikkombinat fi ħdan l-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni għadu inkomplet, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' robustezza tal-istatistika disponibbli. Ir-Rapporteur jissuġġerixxi t-tishħiħ tal-obbligli ta' rappurtar min-naħħa tal-Istati Membri u jitlob lill-Kummissjoni tissorvelja l-ilħuq tal-objettivi Ewropej fil-qasam tat-trasport ikkombinat.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

### Emenda 1

#### Proposta għal direttiva

#### Premessa 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) L-impatt negattiv tat-trasport fuq it-tnejx tal-ġiġi, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-inċidenti, l-istorbju u l-konġestjoni għadhom joħolqu problemi għall-ekonomija, is-saħħha u l-benesseri taċ-

*Emenda*

(1) L-impatt negattiv tat-trasport fuq it-tnejx tal-ġiġi, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-inċidenti, l-istorbju u l-konġestjoni għadhom joħolqu problemi għall-ekonomija, is-saħħha u l-benesseri taċ-

ċittadini Ewropej. Minkejja li t-trasport bit-triq hu l-akbar kontributur ta' dawk l-effetti negattivi it-trasport tal-merkanzija bit-triq hu stmat li *se* jiżdied b'60 % sal-2050.

ċittadini Ewropej. *Attwalment it-trasport jirrappreżenta madwar 23,2 % tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra fl-Unjoni u, fl-2014, it-trasport bit-triq kien responsablli għal 72,8 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fis-settur tat-trasport tal-Unjoni. Kull sena, fl-Unjoni, it-tniġġis tal-arja jwassal għal 400 000 mewt prematura, l-inċidenti tat-traffiku jikkawżaw il-mewt ta' 26 000 persuna filwaqt li huwa stmat li l-kost tal-konġestjoni jammonta għal 1,1% tal-PDG Ewropew.* Minkejja li t-trasport bit-triq hu l-akbar kontributur ta' dawk l-effetti negattivi, it-trasport tal-merkanzija bit-triq hu stmat li *jista'* jiżdied b'60 % sal-2050.

## Emenda 2

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) It-naqqis tal-impatt negattiv tal-attivitajiet tat-trasport għadu waħda mill-miri ewlenin tal-politika tal-Unjoni dwar it-trasport. Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE<sup>21</sup> li tistabbilixxi miżuri li jħeġġu l-iżvilupp ta' trasport ikkombinat, hi l-uniku att leġiżlattiv tal-Unjoni li jinċentiva direttament it-tranżizzjoni minn trasport tal-merkanzija bit-triq għal modi tat-trasport b'inqas emissjonijiet bħall-passaġġi fuq l-ilma interni, u t-trasport marittimu u ferrovjarju.

##### *Emenda*

(2) It-naqqis tal-impatt negattiv tal-attivitajiet tat-trasport għadu waħda mill-miri ewlenin tal-politika tal-Unjoni dwar it-trasport. Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE<sup>21</sup> li tistabbilixxi miżuri li jħeġġu l-iżvilupp ta' trasport ikkombinat, hi l-uniku att leġiżlattiv tal-Unjoni li jinċentiva direttament it-tranżizzjoni minn trasport tal-merkanzija bit-triq għal modi tat-trasport b'inqas emissjonijiet bħall-passaġġi fuq l-ilma interni, u t-trasport marittimu u ferrovjarju.  
*Sabiex l-esternalitajiet negattivi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq ikomplu jonqsu jenħtieġ li jiġu mħeġġa r-riċerka u l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri f'dak li jikkonċerna s-soluzzjonijiet maħsuba biex jiġu ddeterminati l-aqwa perkorsi, l-ottimizzazzjoni tan-netwerk, iż-żieda fl-effiċċjenza tat-tagħbija u l-possibbiltajiet li l-ispejjeż esterni jiġu imposti.*

<sup>21</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar it-twaqqif ta' regoli komuni għal ġerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-merkanzija bejn l-Istati Membri (ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38).

<sup>21</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwarf it-twaqqif ta' regoli komuni għal ġerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-merkanzija bejn l-Istati Membri (ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38).

### Emenda 3

#### Proposta għal direttiva

##### Premessa 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Il-mira li 30 % tat-trasport tal-merkanzija bit-triq ta' aktar minn 300 km jaqleb għal modi oħra tat-trasport bħat-trasport ferrovjarju jew fuq l-ilma sal-2030, u li jkun hemm aktar minn 50 % sal-2050, biex tīgi ottimizzata l-prestazzjoni tal-ktajjen loġistiċi multimodali, inkluż b'użu akbar ta' modi aktar effiċċenti fl-enerġija, imxiet aktar bil-mod milli mistenni u skont it-tbassir attwali, mhix se tintlaħaq.

*Emenda*

(3) Il-mira li 30 % tat-trasport tal-merkanzija bit-triq ta' aktar minn 300 km jaqleb għal modi oħra tat-trasport bħat-trasport ferrovjarju jew fuq l-ilma sal-2030, u li jkun hemm aktar minn 50 % sal-2050, biex tīgi ottimizzata l-prestazzjoni tal-ktajjen loġistiċi multimodali, inkluż b'użu akbar ta' modi aktar effiċċenti fl-enerġija, imxiet aktar bil-mod milli mistenni u skont it-tbassir attwali, mhix se tintlaħhaq. ***Fid-dawl tal-potenzjal li għadu mhux sfruttat tat-trasport ikkombinat, it-titjib ta' din id-Direttiva għandu implikazzjonijiet sinifikanti fir-rigward tal-kontribut ta' dan is-settur għall-kisba tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima.***

### Emenda 4

#### Proposta għal direttiva

##### Premessa 4a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(4a) Din id-Direttiva jenħtieġ li twitti t-triq għal servizzi tat-trasport tal-merkanzija intermodali u multimodali effiċċenti, filwaqt li jiġu offruti kundizzjonijiet ekwi għall-meżżi ta' trasport.***

## Emenda 5

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 5

*Test propos mill-Kummissjoni*

(5) ***Id-Direttiva 92/106/KEE jenħtieġ tiġi ssimplifikata u titjieb l-implimentazzjoni tagħha b'revizzjoni tal-inċentivi ekonomiċi għat-trasport ikkombinat, bil-għan li titħeġġeġ il-bidla minn trasport tal-merkanzija bit-triq għal modi li huma aktar favur l-ambjent, aktar sikuri, aktar effiċjenti fl-enerġija u li joħolqu inqas konġestjoni.***

*Emenda*

(5) ***Jenħtieġ li d-Direttiva 92/106/KEE tiġi ssimplifikata u li titjieb l-implimentazzjoni tagħha billi ssir revizzjoni u jissaħħu l-inċentivi ekonomiċi għat-trasport ikkombinat, bil-għan li titħeġġeġ il-bidla minn trasport tal-merkanzija bit-triq għal modi li jniġġsu anqas li jkunu aktar favur l-ambjent, aktar sikuri, aktar effiċjenti fl-enerġija u li joħolqu inqas konġestjoni. Fid-dawl ta' dan, ir-riċerka dwar l-aħjar prattiki dwar il-bidla mit-trasport bit-triq għat-trasport bil-ferrovija u l-kondiżjoni ta' dawn il-prattiki jenħtieġ li jiġu mħeġġa.***

## Emenda 6

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 6

*Test propos mill-Kummissjoni*

(6) Il-volum tal-operazzjonijiet intermodali nazzjonali ***jfisser*** 19,3 % tat-trasport intermodali totali fl-Unjoni. Dawn l-operazzjonijiet bħalissa ma jibbenefikawx mill-miżuri ta' appoġġ previsti fid-Direttiva 92/106/KEE minħabba l-ambitu limitat tad-definizzjoni ta' trasport ikkombinat. Iżda l-effett negattiv tal-operazzjonijiet nazzjonali tat-trasport bit-triq, u b'mod partikolari l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-konġestjoni, iħallu impatt lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Għalhekk hemm bżonn jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/106/KEE għall-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinati nazzjonali (bejn l-Istati Membri) ħalli jiġi appoġġat l-iżvilupp addizzjonal tat-trasport ikkombinat fl-Unjoni, u b'hekk tiżdied il-bidla modali minn trasport bit-triq għal trasport

*Emenda*

(6) Il-volum tal-operazzjonijiet intermodali nazzjonali ***jikkostitwixxi*** 19,3 % tat-trasport intermodali totali fl-Unjoni. Dawn l-operazzjonijiet bħalissa ma jibbenefikawx mill-miżuri ta' appoġġ previsti fid-Direttiva 92/106/KEE minħabba l-ambitu limitat tad-definizzjoni ta' trasport ikkombinat. Iżda l-effett negattiv tal-operazzjonijiet nazzjonali tat-trasport bit-triq, u b'mod partikolari l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-konġestjoni, iħallu impatt lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Għalhekk hemm bżonn jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/106/KEE għall-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinati nazzjonali (bejn l-Istati Membri) ħalli jiġi appoġġat l-iżvilupp addizzjonal tat-trasport ikkombinat fl-Unjoni, u b'hekk tiżdied il-bidla modali minn trasport bit-triq għal trasport

ferrovjarju, mill-passaġġi fuq l-ilma interni u trasport bil-baħar f'distanzi qosra.

ferrovjarju, mill-passaġġi fuq l-ilma interni u trasport bil-baħar f'distanzi qosra. ***Id-deroga mir-regoli dwar il-kabotaġġ, madankollu, tkompli tapplika biss għall-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat internazzjonali li jseħħu bejn diversi Stati Membri. L-Istati Membri jridu jwettqu kontrolli effettivi biex jiżguraw il-ħarsien ta' dawk ir-regoli u jippromwovu l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet soċjali u tax-xogħol fost il-modi tat-trasport differenti u fost l-Istati Membri differenti.***

### *Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta tal-Kummissjoni ma tibdilx l-Artikolu 4 tad-Direttiva 92/106/KEE dwar id-deroga mir-regoli dwar il-kabotaġġ. Peress li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva qed jiġi estiż biex jiġu koperti l-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat nazzjonali, għandu jiġi ċċarat b'mod espliċitu li d-deroga ma tapplikax għall-operazzjonijiet nazzjonali.*

## **Emenda 7**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Premessa 8**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Id-definizzjoni attwali ta' trasport ikkombinat tinkludi limiti differenti fid-distanza tal-partijiet bit-triq tal-vjaġġ ta' operazzjoni tat-trasport ikkombinat, skont il-modalità tal-parti tal-vjaġġ li mhix bit-triq, u fil-każ tat-trasport ferrovjarju, ma tinkludix limitu fiss ta' distanza iżda minnflok tqis il-kunċett ta' "l-eqreb terminal adattat" biex tagħti ċerta flessibbiltà skont is-sitwazzjonijiet speċifiċi. Dik id-definizzjoni ħolqot bosta diffikultajiet fl-implementazzjoni tagħha minħabba interpretazzjonijiet varji u minħabba ċerti diffikultajiet biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni. Ikun utli li jixxejnu dawn l-ambigwitajiet u li fl-istess waqt ikun żgurat li jinżamm ċertu livell ta' flessibbiltà.

##### *Emenda*

(8) Id-definizzjoni attwali ta' trasport ikkombinat tinkludi limiti differenti fid-distanza tal-partijiet bit-triq tal-vjaġġ ta' operazzjoni tat-trasport ikkombinat, skont il-modalità tal-parti tal-vjaġġ li mhix bit-triq, u fil-każ tat-trasport ferrovjarju, ma tinkludix limitu fiss ta' distanza iżda minnflok tqis il-kunċett ta' "l-eqreb terminal adattat" biex tagħti ċerta flessibbiltà skont is-sitwazzjonijiet speċifiċi. Dik id-definizzjoni ħolqot bosta diffikultajiet fl-implementazzjoni tagħha minħabba interpretazzjonijiet varji u minħabba ċerti diffikultajiet biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni. Ikun utli li jixxejnu dawn l-ambigwitajiet u li fl-istess waqt ikun żgurat li jinżamm ċertu livell ta' flessibbiltà. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiċċara l-kriterji applikabbi meta jsir użu minn din il-flessibbiltà,***

*sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi  
għall-Istati Membri fl-applikazzjoni tar-  
regoli. B'mod partikolari jeħtieġ li  
jittieħdu inkunsiderazzjoni d-disponibbiltà  
u l-effiċjenza tal-infrastrutturi u s-servizzi  
tat-trasport ikkombinat.*

### *Ġustifikazzjoni*

*Din il-flessibbiltà hija essenzjali sabiex l-opportunitajiet tat-trasport ikkombinat ma jiġux limitati. Madankollu, il-kriterji li jirregolaw il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga għall-UE kollha jeħtieġ li jiġu spjegati b'mod ċar, sabiex jiġi evitat li jkun hemm differenzi fl-interpretazzjoni bejn l-Istati Membri u sabiex jiġi garantit it-trattament ugwali tal-operaturi kollha fis-suq intern.*

## **Emenda 8**

### **Proposta għal direttiva Premessa 11a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(11a) Sabiex it-trasport ikkombinat isir kompetittiv u attraenti għall-operaturi, b'mod partikolari għall-intrapriziżi żgħar ħafna (VSEs) u l-intrapriziżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), jenħtieġ li jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv żejjed li jista' jgħib miegħu t-twettiq ta' operazzjoni tat-trasport ikkombinat apparagun ta' operazzjoni tat-trasport unimodali.*

## **Emenda 9**

### **Proposta għal direttiva Premessa 12**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(12) L-ambitu tal-miżuri attwali ta' appoġġ ekonomiku, kif definit fid-Direttiva 92/106/KEE, hu limitat ħafna u jikkonsisti f'miżuri fiskali (jiġifieri r-rifużjoni jew it-tnaqqis tat-taxxi) relatati biss ma' operazzjonijiet tat-trasport

(12) L-ambitu tal-miżuri attwali ta' appoġġ ekonomiku, kif definit fid-Direttiva 92/106/KEE, hu limitat ħafna u jikkonsisti f'miżuri fiskali (jiġifieri r-rifużjoni jew it-tnaqqis tat-taxxi) relatati biss ma' operazzjonijiet tat-trasport

ikkombinat ferrovjarju/bit-triq. Jenħtieġ li dawn il-miżuri jiġu estiżi għall-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat li jkopru t-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni u t-trasport marittimu. Jenħtieġ li jkunu appoġġati wkoll tipi oħra ta' miżuri rilevanti, bħalma huma l-miżuri ta' appoġġ għall-investiment *infrastrutturali* jew miżuri differenti ta' appoġġ ekonomiku.

ikkombinat ferrovjarju/bit-triq. Jenħtieġ li dawn il-miżuri jiġu estiżi għall-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat li jkopru t-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni u t-trasport marittimu. Jenħtieġ li jkunu appoġġati wkoll tipi oħra ta' miżuri rilevanti, bħalma huma l-miżuri ta' appoġġ għall-investiment *fl-infrastruttura u fit-teknoloġiji diġitali* jew miżuri differenti ta' appoġġ ekonomiku.

## Emenda 10

### Proposta għal direttiva Premessa 13

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(13) L-ostaklu infrastrutturali ewljeni li qed ixekkel it-tranżizzjoni minn trasport tal-merkanzija bit-triq għal modi oħra tat-trasport jinsab fil-livell ta' terminals tat-trażbord. Id-distribuzzjoni attwali u l-kopertura tat-terminals tat-trażbord fl-Unjoni, tal-anqas tul in-netwerk Komprensiv u Ewleni tat-TEN-T eżistenti, mhumiex biżżejjed, iżda l-kapaċitā tat-terminals tat-trażbord eżistenti qed toqrob lejn il-limitu tagħha *u jeħtieġ tiġi żviluppata* biex *tkun tista' tlaħħaq* maż-żieda ġenerali fit-traffiku tal-merkanzija. B'investiment fil-kapaċitā tat-terminals tat-trażbord jistgħu *jongsu* l-kostijiet ġenerali tat-trażbord, u b'hekk tiġi ġgħenerata bidla modali dderivata, bħalma għara fxi Stati Membri. *Għaldaqstant jenħtieġ li l-Istati Membri b'koordinazzjoni mal-Istati Membri ġirien u mal-Kummissjoni, jiżguraw li l-operaturi tat-trasport ikollhom disponibbli jew jinbnewlhom aktar terminals tat-trażbord għat-trasport ikkombinat u aktar kapaċitā tat-trażbord. Dan jinċentiva l-użu ta' trasport tal-merkanzija alternattiv u jżid il-bidla modali, u b'hekk l-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat jagħmlilhom aktar kompetitivi mit-trasport bit-triq waħdu. Tal-anqas jenħtieġ li ż-żieda fil-kopertura*

#### *Emenda*

(13) L-ostaklu infrastrutturali ewljeni li qed ixekkel it-tranżizzjoni minn trasport tal-merkanzija bit-triq għal modi oħra tat-trasport jinsab fil-livell ta' terminals tat-trażbord. Id-distribuzzjoni attwali u l-kopertura tat-terminals tat-trażbord fl-Unjoni, tal-anqas tul in-netwerk Komprensiv u Ewleni tat-TEN-T eżistenti, *f'xi każijiet* mhumiex biżżejjed, iżda l-kapaċitā tat-terminals tat-trażbord eżistenti qed toqrob lejn il-limitu tagħha *filwaqt li terminals oħra mhumiex sfruttati skont il-kapaċitajiet reali tagħhom* biex *ikunu jistgħu jlaħħqu* maż-żieda ġenerali fit-traffiku tal-merkanzija. B'investiment fil-kapaċitā tat-terminals tat-trażbord, *l-ottimizzazzjoni tan-netwerk u l-iżvilupp ta' tekniki ġodda ta' trażbord* jistgħu *jnaqqsu* l-kostijiet ġenerali tat-trażbord, u b'hekk tiġi ġgħenerata bidla modali dderivata, bħalma għara fxi Stati Membri.

*u fil-kapaċità tat-terminals tat-trażbord  
tiġi stabilita tul in-netwerks Komprensivi  
u Ewlenin tat-TEN-T eżistenti. Bħala  
medja, jenħtieġ li tal-inqas wieħed mit-  
terminals xierqa tat-trażbord għat-trasport  
ikkombinat ikun jinsab sa 150 km 'il  
bogħod minn post tat-trażbord fl-Unjoni.*

## Emenda 11

### Proposta għal direttiva Premessa 13a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(13a) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Istati  
Membri jiżguraw, b'koordinazzjoni mal-  
Istati Membri ġirien u mal-Kummissjoni,  
li l-operaturi tat-trasport ikollhom  
disponibbli netwerk ta' terminals  
effiċjenti, modernizzati u sfruttati bis-sħiħ  
biex jissodisfaw id-domanda eżistenti u  
dik futura għall-infrastruttura tat-  
trasport. Dan jinċentiva l-użu ta' trasport  
tal-merkanzija alternattiv u jżid il-bidla  
modali, u b'hekk l-operazzjonijiet tat-  
trasport ikkombinat jagħmilhom aktar  
kompetittivi minn trasport bit-triq waħdu.  
Tal-anqas jenħtieġ li l-kopertura u ż-żieda  
fil-kapaċità tat-terminals tat-trażbord tiġi  
stabilita tul in-netwerks Komprensivi u  
Ewlenin tat-TEN-T eżistenti. Bħala  
medja, jenħtieġ li jkun hemm tal-inqas  
terminal xieraq wieħed tat-trażbord għat-  
trasport ikkombinat li jkun jinsab sa  
mhux aktar minn 150 km 'il bogħod  
f'linja drittà minn kwalunkwe post tat-  
trażbord fl-Unjoni, filwaqt li jiġi  
kkunsidrat ukoll il-kriterju ekonomiku.*

## Emenda 12

### Proposta għal direttiva Premessa 14

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(14) L-Istati Membri jenħtieġ  
jimplimentaw miżuri ta' appoġġ*

*(14) L-Istati Membri jenħtieġ li  
jimplimentaw miżuri ta' appoġġ*

ekonomiku addizzjonalni parti dawk diġà eżistenti, ***biex*** jolqtu l-partijiet varji ***tal-vjaġġ*** ta' operazzjoni tat-transport ikkombinat, biex jonqos it-trasport tal-merkanzija bit-triq u biex jitħeġġeġ l-użu ta' modi oħra tat-trasport bħat-trasport ferrovjarju, it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni u t-trasport marittimu, u b'hekk jonqsu t-tniġġis tal-arja, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-inċidenti tat-traffiku fit-toroq, l-istorbju u l-konġestjoni. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu t-tnaqqis ta' ċerti taxxi jew tariffe tat-trasport, għotjiet għal unitajiet tat-tagħbiha intermodali trasportati b'mod effettiv f'operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat, jew ir-rifużjoni parżjali tal-kostijiet tat-trażbord.

ekonomiku addizzjonalni parti dawk diġà eżistenti, ***li*** jolqtu l-partijiet varji ta' operazzjoni tat-transport ikkombinat, biex jonqos it-trasport tal-merkanzija bit-triq u biex jitħeġġeġ l-użu ta' modi oħra tat-trasport bħat-trasport ferrovjarju, it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni u t-trasport marittimu, ***jew biex tonqos il-marka tal-karbonju tat-trasport fuq il-parti bit-triq ta' vjaġġ***, u b'hekk jonqsu t-tniġġis tal-arja, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-inċidenti tat-traffiku fit-toroq, l-istorbju u l-konġestjoni. Dawn il-miżuri ***jenħtieġ li japplikaw prinċipalment għal oqsma sensittivi, bħalma huma r-reġjuni muntanjużi, in-nodi industrijali urbani kbar, il-konnessjonijiet transfruntiera, iż-żoni industrijali li m'għandhomx tali infrastruttura u terminals tat-trażbord sabiex jitnaqqus l-effetti ta' lembut u ż-żoni ta' konġestjoni***. ***Huma*** jistgħu jinkludu t-tnaqqis ta' ċerti taxxi jew tariffe tat-trasport, għotjiet għal unitajiet tat-tagħbiha intermodali trasportati b'mod effettiv f'operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat, jew ir-rifużjoni parżjali tal-kostijiet tat-trażbord, ***li se jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-kostijiet soċċoekonomiċi tat-trasport u r-riskji għas-saħħa mittniġġis u mill-ħsejjes, filwaqt li jservu l-interessi taċ-ċittadini, tan-negożji u tal-ambjent***.

### Emenda 13

#### Proposta għal direttiva Premessa 14a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(14a) L-Istati Membri jenħtieġ li jimplimentaw miżuri addizzjonalni biex isaħħu l-prestazzjoni ambjentali, l-effiċċenza u s-sostenibbiltà tat-trasport ikkombinat billi jippromwovu l-użu ta' modi ta' trasport b'emissjonijiet baxxi jew żero u fjuwils alternattivi, jappoġġaw l-isforzi favur l-effiċċenza enerġetika u l-użu tal-enerġija rinnovabbli tul il-katina***

*tat-trasport ikkombinat u jnaqqsu t-tipi varji ta' inkonvenjenzi assoċjati mat-trasport, inkluż l-istorbju, speċjalment fis-settur ferrovjarju u qrib iż-żoni urbani.*

#### **Emenda 14**

##### **Proposta għal direttiva Premessa 14b (ġdida)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(14b) Jenħtieġ li l-fondi u l-programmi varji ta' finanzjament għar-riċerka tal-Unjoni jkomplu jappoġġaw lill-Istati Membri fil-kisba tal-objettivi ta' din id-Direttiva.*

#### **Emenda 15**

##### **Proposta għal direttiva Premessa 14c (ġdida)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(14c) L-investiment fil-loġistika jikkostitwixxi wkoll lieva importanti biex tiż-died il-kompetittività tat-trasport ikkombinat. L-użu iktar sistematiku ta' soluzzjonijiet diġitali, bħalma huma t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni jew is-sistemi intelliġenti konnessi, se jiffaċilita l-iskambju ta' dejta, se jtejjeb l-effiċċenza u l-kost tal-operazzjonijiet tat-trażbord u se jnaqqas id-dewmien.*

#### **Emenda 16**

##### **Proposta għal direttiva Premessa 14d (ġdida)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(14d) L-investiment fit-taħriġ tal-ħaddiema fil-katina tal-loġistika, b'mod partikolari dik tat-terminals tat-trażbord, jista' jżid ukoll il-kompetittività tat-*

*trasport ikkombinat.*

## Emenda 17

### Proposta għal direttiva Premessa 15

*Test propost mill-Kummissjoni*

(15) *Jenħtieġ li jiġu implementati miziuri ta' appoġġ għall-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat, b'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat li hemm minquxa fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE).*

*Emenda*

(15) *Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat li jinsabu fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), jenħtieġ li jaapplika ċertu grad ta' flessibbiltà fir-rigward tal-miziuri ta' appoġġ għall-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat sabiex jitħeġġeġ lu użu tal-għajnuna mill-Istat.*

## Emenda 18

### Proposta għal direttiva Premessa 16

*Test propost mill-Kummissjoni*

(16) *Jenħtieġ li l-miziuri ta' appoġġ jiġu kkoordinati, kif meħtieġ, bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.*

*Emenda*

(16) *Sabiex jiġi żgurat li jiġu evitati investimenti duplikati possibbli bejn Stati Membri li jkunu ferm qrib ta' xulxin, jenħtieġ li l-miziuri ta' appoġġ jiġu kkoordinati, kif meħtieġ, bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritatiet kompetenti tal-Istati Membri.*

## Emenda 19

### Proposta għal direttiva Premessa 17

*Test propost mill-Kummissjoni*

(17) Jenħtieġ li l-miziuri ta' appoġġ jiġu rieżaminati b'mod regolari mill-Istati Membri ġalli jiżguraw l-effikaċja u l-effiċjenza tagħhom.

*Emenda*

(17) Jenħtieġ li l-miziuri ta' appoġġ jiġu rieżaminati b'mod regolari mill-Istati Membri ġalli jiżguraw l-effikaċja u l-effiċjenza tagħhom, filwaqt li jittieħdu miziuri korrettivi skont il-ħtieġa. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tforni, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati

*Membri, analiżi kemm tal-miżuri differenti meħuda mill-Istati Membri kif ukoll tal-effikaċċja tagħhom, u tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki.*

### *Ġustifikazzjoni*

*It-tixrid ta' prattika tajba – jiġifieri miżuri ta' appoġġ introdotti mill-Istati Membri li jkunu partikolarment effettivi – għandu jiġi intensifikat sabiex l-Istati Membri jiġu pprovduti informazzjoni li jistgħu jużaw meta jkunu qed jagħżlu l-investimenti u l-miżuri ta' appoġġ fil-qasam tat-trasport ikkombinat.*

## **Emenda 20**

### **Proposta għal direttiva Premessa 18a (ġidida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(18a) Attwalment, in-nuqqas ta' statistika komparabbli u affidabbli jikkostitwixxi ostaklu għall-evalwazzjoni tat-trasport ikkombinat fl-Unjoni u għall-adozzjoni ta' miżuri biex jiġi sfruttat il-potenzjal tiegħu.*

## **Emenda 21**

### **Proposta għal direttiva Premessa 19**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(19) Sabiex ilaħħqu mal-evoluzzjoni tat-trasport fl-Unjoni, u b'mod partikolari ssuq tat-trasport ikkombinat, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġbru d-dejta u l-informazzjoni rilevanti u jgħadduhom lill-Kummissjoni b'mod regolari, filwaqt li l-Kummissjoni jenħtieġ tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u ***lill-Kunsill*** dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva kull erba' snin.

(19) Sabiex ilaħħqu mal-evoluzzjoni tat-trasport fl-Unjoni, u b'mod partikolari ssuq tat-trasport ikkombinat, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġbru d-dejta u l-informazzjoni rilevanti u jgħadduhom lill-Kummissjoni b'mod regolari, filwaqt li l-Kummissjoni jenħtieġ ***li*** tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, ***lill-Kunsill*** u ***lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri*** dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva kull erba' snin.

## Emenda 22

### Proposta għal direttiva Premessa 19a (ġdida)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(19a) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun responsabbi għall-applikazzjoni korretta ta' din id-Direttiva u għall-kisba tal-objettiv tal-iżvilupp tat-trasport ikkombinat madwar l-UE kollha sal-2030 u l-2050. Għal dan il-għan, jenħtieġ li tivvaluta regolarmen il-progress fit-żieda tal-proporzjon tat-trasport ikkombinat f'kull Stat Membru, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u, jekk meħtieġ, tippreżenta proposta biex temenda din id-Direttiva bil-ġhan li jinkiseb dak l-objettiv għall-Unjoni kollha.**

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni għandu jkollha rwol aktar prominenti fil-monitoraġġ tal-objettivi Ewropej fil-qasam tat-trasport ikkombinat, filwaqt li tieħu miżuri korrettivi fejn ikun meħtieġ.*

## Emenda 23

### Proposta għal direttiva Premessa 20

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(20) It-trasparenza hi importanti għal kull parti konċernata involuta fl-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat, l-aktar dawk affettwati minn din id-Direttiva. ***Biex isostnu*** din it-trasparenza, u ***jippromwovu aktar*** koperazzjoni, jenħtieġ li ***f'kull Stat Membru jiġu identifikati l-awtoritajiet kompetenti.***

(20) It-trasparenza hi importanti għal kull parti konċernata involuta fl-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat, l-aktar dawk affettwati minn din id-Direttiva. ***Għall-fini ta'*** din it-trasparenza, u ***sabiex tiġi promossa*** koperazzjoni ***ikbar***, jenħtieġ li ***tiġi identifikata awtorità kompetenti f'kull Stat Membru.***

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex titjieb il-viżibilità tal-punt ta' kuntatt, tiġi żgurata l-koerenza fl-implementazzjoni tad-Direttiva, jitnaqqsu d-duplikazzjonijiet amministrattivi u jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tal-*

*implementazzjoni, huwa konvenjenti li jkun hemm limitu ta' awtorità kompetenti waħda għal kull Stat Membru.*

## Emenda 24

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 22

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(22) Ladarba l-għanijiet ta' din id-Direttiva li **jkomplu jħeġġu t-tranżizzjoni** minn trasport bit-triq għal modi tat-trasport aktar favur l-ambjent, u b'hekk jonqsu l-esternalitajiet negattivi tas-sistema tat-trasport tal-Unjoni, ma jistgħux jintlaħqu bieżżejjed mill-Istati Membri, iżda li minflok, minħabba n-natura **primarjament** transfruntiera tat-trasport ikkombinat tal-merkanzija u l-infrastruttura interkonnessa, u minħabba l-problemi li din id-Direttiva tfasslet biex tindirizza, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

##### *Emenda*

(22) Ladarba l-għanijiet ta' din id-Direttiva li **tkompli titħeġġeġ it-tranżizzjoni** minn trasport bit-triq għal modi tat-trasport aktar favur l-ambjent, u b'hekk jonqsu l-esternalitajiet negattivi tas-sistema tat-trasport tal-Unjoni, ma jistgħux jintlaħqu bieżżejjed mill-Istati Membri, iżda li minflok, **partikolarment** minħabba n-natura transfruntiera tat-trasport ikkombinat tal-merkanzija u l-infrastruttura interkonnessa, u minħabba l-problemi li din id-Direttiva tfasslet biex tindirizza, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

## Emenda 25

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 1 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-limitu fid-distanza tal-parti bit-triq tal-vjaġġ jista' jinqabeż waqt l-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat **bit-triq/ferrovjarju, diment li dan ikun awtorizzat mill-Istati Membri li fit-territorju tagħhom issir il-**

##### *Emenda*

Il-limitu fid-distanza tal-parti bit-triq tal-vjaġġ jista' jinqabeż waqt l-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat, **biex jintlaħaq l-eqreb terminal tat-trażebord ġeografikament – inkluż f'każiżiet meta**

*parti bit-triq tal-vjaġġ, biex jintlaħaq l-eqreb terminal tat-trażbord ġeografikament li għandu l-kapaċitā tat-trażbord operazzjonali meħtieġa għat-tagħbija jew għall-ħatt mil-lat ta' tagħmir tat-trażbord, kapaċitā **tat-trażbord** u servizzi ferrovjarji xierqa tal-merkanzija.*

*dan ikun jinsab fi Stat Membru ieħor – li għandu l-kapaċitā tat-trażbord operazzjonali meħtieġa għat-tagħbija jew għall-ħatt mil-lat ta' tagħmir tat-trażbord, kapaċitā **tat-terminal** u servizzi ferrovjarji xierqa tal-merkanzija. **Sabiex jiġu evitati d-differenzi fl-interpretazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 10(a), li jissupplementa din id-Direttiva, u tistabbilixxi l-kriterji li skonhom l-operaturi tat-trasport ikkombinat jistgħu jaqbżu l-limitu fid-distanza tal-parti bit-triq tal-vjaġġ għall-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbi biex jiżguraw li l-operaturi jikkonformaw ma' dawn ir-regoli u għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni l-informazzjoni neċessarja dwar l-awtorizzazzjonijiet, inkluża l-ġustifikazzjoni għall-għot ta' derogi u tul ta' żmien tagħhom.***

## Emenda 26

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 1 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Operazzjoni tat-trasport ikkombinat għandha titqies li tkun seħħet fl-Unjoni meta l-operazzjoni jew parti minnha li sseħħ fl-Unjoni tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3.

*Emenda*

4. Operazzjoni tat-trasport ikkombinat għandha titqies li tkun seħħet fl-Unjoni meta l-operazzjoni jew parti minnha li sseħħ fl-Unjoni tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3. **Operazzjoni tat-trasport ikkombinat skont din id-Direttiva tista' tibda jew tispicċċa f'pajjiż terz jew tgħaddi minn pajjiż terz.**

## Emenda 27

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) l-għadd u ***l-kopertura ġeografika*** tat-terminals li jifilħu operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat u l-għadd ta' trażbordi annwali f'dawk it-terminals;

*Emenda*

(c) l-għadd u ***l-post ġeografiku*** tat-terminals li jifilħu operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat u l-għadd ta' trażbordi annwali f'dawk it-terminals ***fid-dawl tal-kapaċità użata rispettiva tagħhom;***

*Ġustifikazzjoni*

*Hija meħtieġa informazzjoni dwar il-post effettiv u l-aċċessibbiltà ta' terminals konċernati kif ukoll valutazzjoni aġġornata tal-kapaċità użata jew titjib potenzjali rispettivi tagħhom.*

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ca) l-iżvilupp tas-sehem tat-trasport ikkombinat u tal-modi differenti tat-trasport fit-territorju,***

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 5 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Abbażi ta' analiżi tar-rapporti nazzjonali, għall-ewwel istanza sa mhux aktar tard minn [xx/xx/xxx - 9 months after the MS report submission deadline] u mbagħad kull sentejn, il-Kummissjoni għandha tħejji u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u ***lill-Kunsill*** dwar:

3. Abbażi ta' analiżi tar-rapporti nazzjonali, ***inkluż ukoll id-dejta statistika miġbura abbażi tal-indikaturi u l-metodoloġiji li huma komuni għall-Unjoni kollha***, għall-ewwel istanza sa mhux aktar tard minn [xx/xx/xxx - 9 xhur mid-data ta' skadenza tal-preżentazzjoni tar-rapporti tal-Istati Membri] u mbagħad kull sentejn, il-Kummissjoni għandha tħejji u tippreżenta rapport lill-Parlament

Ewropew, *lill-Kunsill u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri* dwar:

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tenfasizza l-importanza tad-data statistika li trid tiġi provduta mill-Istati Membri u bbażata fuq metodoloġija komuni fl-UE kollha.*

### **Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-iżvilupp ekonomiku tat-trasport ikkombinat, speċjalment fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-prestazzjoni ambjentali tal-modi differenti tat-trasport;

*Emenda*

(a) l-iżvilupp ekonomiku tat-trasport ikkombinat, *fil-livell tal-Istati Membri u f'dak tal-Unjoni*, speċjalment fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-prestazzjoni ambjentali tal-modi differenti tat-trasport;

### **Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) l-effikaċja u l-effiċjenza tal-miżuri ta' appoġġ previsti fl-Artikolu 6;

*Emenda*

(c) l-effikaċja u l-effiċjenza tal-miżuri ta' appoġġ previsti fl-Artikolu 6, *filwaqt li tispeċifika l-miżuri meqjusa l-aktar effiċjenti biex iservu l-iskop oriġinali ta' din id-Direttiva u l-aħjar prattiki fl-Istati Membri;*

### **Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

*Test proposi mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(ca) *l-evoluzzjoni tas-sehem tat-trasport ikkombinat f'kull wieħed mill-Istati Membri u fil-livell tal-UE, biex jinkisbu l-objettivi tal-Unjoni sal-2030 u l-2050;*

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni għandu jkollha rwol aktar prominenti fil-monitoraġġ tal-objettivi Ewropej fil-qasam tat-trasport ikkombinat, filwaqt li tieħu miżuri korrettivi fejn ikun meħtieġ.*

### **Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt a

*Test proposi mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) *il-bini u, fejn meħtieġ, l-espansjoni ta' dawn it-terminals tat-trażbord għat-trasport ikkombinat;*

(a) *l-espansjoni tat-terminals tat-trażbord jew, fejn meħtieġ, il-bini ta' terminals ġodda għat-trasport ikkombinat. Dawn l-investimenti għandhom ikunu preċeduti minn evalwazzjoni tal-impatt bil-għan li jiġu żgurati l-kisba tal-objettivi ta' din id-Direttiva u r-rilevanza ekonomika u ambjentali ta' tali investimenti, filwaqt li jitqiesu debitament il-limiti ġeografiċi u naturali taż-żona rilevanti. L-Istati Membri għandhom jipproritizzaw l-investiment fl-iżvilupp ta' tekniki tat-trażbord ġodda u l-iżvilupp tat-terminals tat-trażbord biex jitnaqqsu l-effetti ta' lembut u ż-żoni ta' konġestjoni;*

### **Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt b

*Test proposet mill-Kummissjoni*

(b) iż-żieda fl-effiċjenza operattiva fit-terminals eżistenti.

*Emenda*

(b) iż-żieda fl-effiċjenza operattiva fit-terminals eżistenti ***bix ikun jista' jiġi stabilit network ta' terminals fl-Unjoni sabiex tiġi ssodisfata d-domanda tat-traffiku tal-merkanzija, bit-trawwim, fost affarijiet oħra, tal-integrazzjoni tas-sistemi konnessi u l-awtomatizzazzjoni tal-operazzjonijiet, kif ukoll l-investimenti fil-loġistika diġitali, it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u ssistemi tat-trasport intelliġenti.***

### **Emenda 35**

#### **Proposta għal direttiva**

##### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagraphu 2

*Test proposet mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw mal-Istati Membri ġirien u mal-Kummissjoni u jiżguraw li, meta jkunu qed jitwettqu dawn il-miżuri, tingħata priorità biex tkun żgurata distribuzzjoni ġeografika bilanċjata u suffiċjenti għal ***faċilitajiet xierqa*** fl-Unjoni, u b'mod partikolari fejn jidħlu n-netwerks Ewlenin u Komprensivi tat-TEN-T, b'mod li kull post ġeografiku fl-Unjoni ma jkunx jinsab aktar 'il bogħod minn 150 km minn dan it-terminal.

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw mal-Istati Membri ġirien, ***b'mod partikolari permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom***, u mal-Kummissjoni u jiżguraw li, meta jkunu qed jitwettqu dawn il-miżuri, tingħata priorità biex tkun żgurata distribuzzjoni ġeografika bilanċjata u suffiċjenti għal ***terminals tat-trażbord*** fl-Unjoni ***kollha***, u b'mod partikolari fejn jidħlu n-netwerks Ewlenin u Komprensivi tat-TEN-T, b'mod li kull post ġeografiku fl-Unjoni ma jkunx jinsab aktar 'il bogħod minn 150 km ***f'linja dritta*** minn dan it-terminal. ***L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mir-regola ta' 150 km meta dawn il-faċilitajiet ma jkollhomx rilevanza ekonomika jew għal raġunijiet relatati mal-ispeċifiċità ġeografika jew naturali tat-territorju inkwistjoni. Tali derogi għandhom ikunu ġustifikata kif xieraq mill-awtoritā kompetenti.***

### **Emenda 36**

## Proposta għal direttiva

### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri **jistgħu** jieħdu **miżuri** addizzjonali biex itejbu **l-kompetittivitā** tal-operazzjonijiet tat-trasport **ikkombinat** meta mqabbla ma' operazzjonijiet ekwivalenti ta' trasport alternattiv bit-triq.

*Emenda*

**Sal-31 ta' Diċembru 2021,** l-Istati Membri **għandhom** jieħdu **mill-inqas Miżura** addizzjonali **waħda ta' natura ekonomika u leġiżlattiva**, biex itejbu -- **anki permezz tal-użu tat-teknoloġiji** -- **il-kompetittivitā** tal-operazzjonijiet tat-trasport **ikkombinat** meta mqabbla ma' operazzjonijiet ekwivalenti ta' trasport alternattiv bit-triq, **b'mod partikolari bil-ħsieb li jnaqqsu ż-żmien u l-kostijiet involuti fl-operazzjonijiet ta' trażbord.**

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda għandha l-għan li tkompli timpenja lill-Istati Membri biex jiddeterminaw politiki u miżuri għall-promozzjoni u l-iżvilupp tat-trasport ikkombinat, u li jagħmluh aktar effiċjenti; dawn il-politiki u l-miżuri għandhom ikunu kemm ekonomiċi kif ukoll leġiżlattivi u għandhom jiġu segwiti b'mod partikolari permezz tal-użu tat-teknoloġija.*

## Emenda 37

## Proposta għal direttiva

### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Dawn il-miżuri jistgħu jindirizzaw kull operazzjoni tat-trasport ikkombinat jew parti minnha, bħal pereżempju l-operazzjoni ta' parti bit-triq ta' vjaġġ jew ta' parti ta' vjaġġ li mhix bit-triq, inkluż il-vettura użata għal din il-parti, jew **bħall-unità** tat-tagħbi jaew **l-operazzjonijiet tat-trażbord**.

*Emenda*

Dawn il-miżuri jistgħu jindirizzaw kull operazzjoni tat-trasport ikkombinat jew parti minnha, bħal pereżempju l-operazzjoni ta' parti bit-triq ta' vjaġġ jew ta' parti ta' vjaġġ li mhix bit-triq, inkluż il-vettura użata għal din il-parti, jew **l-unità** tat-tagħbi jaew **l-operazzjonijiet tat-trażbord** jew **it-taħrif tal-ħaddiema.**

## Emenda 38

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 6 – paragrafu 5a (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*5a. Sal-31 ta' Diċembru 2021, l-Istati Membri għandhom jieħdu mill-inqas mżura addizzjonali waħda biex inaqqsu l-impatt tat-trasport tal-merkanzija fuq l-ambjent u s-saħħa pubblika, billi jippromwovu, pereżempju, l-effiċċenza tal-vetturi, l-użu ta' fjuwils alternattivi u li jniġġsu inqas, l-użu tal-enerġiji rinnovabbli, inkluż fit-terminals, jew l-użu iktar effiċċenti tan-netwerks tat-trasport bl-adozzjoni ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni.*

## Emenda 39

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 6 – paragrafu 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

6. L-Istati Membri għandhom *jirrapprtaw kull sena lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda skont dan l-Artikolu u l-ispeċifikazzjonijiet tagħhom.*

6. L-Istati Membri għandhom *jivvalutaw l-impatt ta' tali miżuri ta' appoġġ, u jevalwaw mill-ġdid il-ħtiġijiet tagħhom tal-inqas kull erba' snin u, meta jkun meħtieġ, jadattaw il-miżuri.*

## Emenda 40

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 6 – paragrafu 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

7. L-Istati Membri għandhom *jivvalutaw l-impatt ta' tali miżuri ta'*

7. L-Istati Membri għandhom *jirrapportaw lill-Kummissjoni, skont il-*

*appoġġ, u jevalwaw mill-ġdid il-ħtiġijiet tagħhom tal-inqas kull erba' snin u, meta jkun meħtieġ, jadattaw il-miżuri.*

*kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1), dwar il-miżuri meħuda skont dan l-Artikolu, bi spiegazzjoni dettaljata u bi prezantazzjoni tal-impatt tagħhom, filwaqt li jikkomunikaw kwalunkwe miżura korrettiva meħuda jew ippjanata, bi skeda ta' żmien preċiża.*

## Emenda 41

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 6 – paragrafu 8

*Test propost mill-Kummissjoni*

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' appoġġ għall-operazzjonijiet tat-transport ikkombinat ikollhom l-għan li jnaqqsu t-trasport tal-merkanzija bit-triq u li jħeġġu l-użu ta' modi oħra tat-transport bħat-transport ferrovjarju, it-transport fil-passaġġi fuq l-ilma interni u t-transport marittimu, u b'hekk jonqsu t-tniġġis tal-arja, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-inċidenti tat-traffiku fit-toroq, l-istorbju u l-konġestjoni. ”;

*Emenda*

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' appoġġ għall-operazzjonijiet tat-transport ikkombinat ikollhom l-għan li jnaqqsu t-trasport tal-merkanzija bit-triq u li jħeġġu l-użu ta' modi oħra tat-transport bħat-transport ferrovjarju, it-transport fil-passaġġi fuq l-ilma interni u t-transport marittimu, *il-vetturi b'emissjonijiet baxxi, jew l-użu ta' fjuwils alternativi b'emissjonijiet aktar baxxi, bħalma huma l-bijoffjuwils, l-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli, il-gass naturali jew iċ-ċelloli tal-fjuwil li jaħdmu bl-idroġenu*, u b'hekk jonqsu t-tniġġis tal-arja, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-inċidenti tat-traffiku fit-toroq, l-istorbju u l-konġestjoni.

### Ġustifikazzjoni

*Peress li wieħed mill-għanijiet prinċipali tad-Direttiva huwa t-tnejjix tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġu fl-arja, għandu jitħeġġeġ l-użu ta' vetturi u fjuwils b'emissjonijiet iktar baxxi, b'mod partikolari fit-transport bit-triq. Il-vetturi tqal b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju joffru potenzjal importanti għad-dekarbonizzazzjoni tas-settut tat-transport.*

## Emenda 42

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 92/106/KEE  
Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagraphu 1

*Test propos mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti waħda **jew aktar** biex **jiżguraw l-implementazzjoni ta' din id-Direttiva u biex **jaġixxu** bħala l-punt ewljeni tal-kuntatt għall-implementazzjoni tagħha.**

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti waħda biex **tiżgura l-implementazzjoni ta' din id-Direttiva u biex **taġixxi** bħala l-punt ewljeni tal-kuntatt għall-implementazzjoni tagħha.**

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex titjieb il-viżibilità tal-punt ta' kuntatt, tiġi żgurata l-koerenza fl-implementazzjoni tad-Direttiva, jitnaqqsu d-duplikazzjonijiet amministrattivi u jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tal-implementazzjoni, huwa konvenjenti li jkun hemm limitu ta' awtorità kompetenti waħda għal kull Stat Membru.*

#### Emenda 43

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagraphu 2

*Test propos mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar **l-awtoritajiet** kompetenti msemmija fl-ewwel subparagraphu.

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar **l-awtorità** kompetenti msemmija fl-ewwel subparagraphu.

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex titjieb il-viżibilità tal-punt ta' kuntatt, tiġi żgurata l-koerenza fl-implementazzjoni tad-Direttiva, jitnaqqsu d-duplikazzjonijiet amministrattivi u jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tal-implementazzjoni, huwa konvenjenti li jkun hemm limitu ta' awtorità kompetenti waħda għal kull Stat Membru.*

#### Emenda 44

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 9a – paragrafu 2

*Test proposi mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti **jikkoperaw mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra**. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jaqsmu bejniethom l-informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Fejn jidħol l-iskambju tal-informazzjoni, l-awtorità riċeventi għandha tiżgura l-istess livell ta' kunkfidenzjalità daqs l-awtorità orīginarja.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti **jikkoperaw bejniethom, b'mod partikulari bil-ħsieb li jsaħħu l-konnessjonijiet transfruntiera u jiżguraw il-kontinwità u l-koerenza tal-investimenti mwettqa fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera**. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jaqsmu bejniethom l-informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Fejn jidħol l-iskambju tal-informazzjoni, l-awtorità riċeventi għandha tiżgura l-istess livell ta' kunkfidenzjalità daqs l-awtorità orīginarja.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-merkanzija bejn l-Istati Membri
<b>Referenzi</b>	COM(2017)0648 – C8-0391/2017 – 2017/0290(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 29.11.2017
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 29.11.2017
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Michel Dantin 29.1.2018
<b>Eżami fil-kumitat</b>	19.3.2018
<b>Data tal-adozzjoni</b>	17.5.2018
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0: 53 1 3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Pilar Ayuso, Zoltán Balczó, Ivo Belet, Biljana Borzan, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Birgit Collin-Langen, Miriam Dalli, Seb Dance, Stefan Eck, José Inácio Faria, Karl-Heinz Florenz, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Jens Gieseke, Julie Girling, Sylvie Goddyn, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Jytte Guteland, György Hölvényi, Anneli Jäättänenmäki, Benedek Jávor, Urszula Krupa, Jo Leinen, Peter Liese, Lukas Mandl, Valentinas Mazuronis, Susanne Melior, Rory Palmer, Massimo Paolucci, Piernicola Pedicini, Bolesław G. Piecha, Pavel Poc, John Procter, Julia Reid, Annie Schreijer-Pierik, Davor Škrlec, Claudiu Ciprian Tănasescu, Ivica Tolić, Adina-Ioana Vălean, Damiano Zoffoli
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Nikos Androulakis, Nicola Caputo, Esther Herranz García, Jan Huitema, Peter Jahr, Karol Karski, Ulrike Müller, Stanislav Polčák, Bart Staes, Tiemo Wölken
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	John Flack, Jaromír Kohlíček, Miltiadis Kyrkos

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>53</b>	<b>+</b>
ALDE	Gerbén-Jan Gerbrandy, Jan Huitema, Anneli Jäättänenmäki, Valentinas Mazuronis, Ulrike Müller
ECR	John Flack, Karol Karski, Urszula Krupa, Bolesław G. Piecha, John Procter
EFDD	Piernicola Pedicini
ENF	Sylvie Goddyn
PPE	Pilar Ayuso, Ivo Belet, Birgit Collin-Langen, José Inácio Faria, Karl-Heinz Florenz, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Jens Gieseke, Julie Girling, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Esther Herranz García, György Hölvényi, Peter Jahr, Peter Liese, Lukas Mandl, Stanislav Polčák, Annie Schreijer-Pierik, Ivica Tolić, Adina-Ioana Vălean
S&D	Nikos Androulakis, Biljana Borzan, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Nicola Caputo, Nessa Childers, Miriam Dalli, Seb Dance, Jytte Guteland, Miltiadis Kyrkos, Jo Leinen, Susanne Melior, Rory Palmer, Massimo Paolucci, Pavel Poc, Claudiu Ciprian Tănasescu, Tiemo Wölken, Damiano Zoffoli
VERTS/ALE	Benedek Jávor, Davor Škrlec, Bart Staes

<b>1</b>	<b>-</b>
EFDD	Julia Reid

<b>3</b>	<b>0</b>
GUE/NGL	Stefan Eck, Jaromír Kohlíček
NI	Zoltán Balczó

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni